MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 88/1997/1

Michael u Rosalind konjugi Buhagiar
vs
Emanuel Cachia personalment u ghal Rock Cut Limited

Illum, 11 ta' Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Jannar 1997 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fit-30 ta' Lulju 1996 waqt li l-istanti Michael Buhagiar kien isuq il-car nru. 0-7412 fl-Imriehel limiti B'Kara din sfat involuta f'incident stradali u garrbet hsarat.

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti l-konvenut minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti billi huwa hammeg it-triq, waqt li kien jesegwixxi xogholijiet, fejn gara l-incident,

hallew it-triq bi tjun u ilma u ta' periklu ghat-traffiku u dan ikkawza l-incident imsemmi.

Illi d-danni mgarrba mill-istanti ammontaw ghal Lm1343.95.

talbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjarohom, solidament responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li, b'rizultat tal-istess sofra l-istanti.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont imsemmi ta' Lm1343.95c jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundannohom, solidament ihallsu lill-istanti l-ammont hekk dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru 1996, dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju nru. 5956/96 u bl-imghax minn notifika ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu qatt ma ghamel xi xogholijiet fl-Imriehel, B'Kara.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn qalet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent ma kienx responsabbli tal-hsara allegatament kagunata.

Illi sussidjarjament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esagerati.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ l-atturipprezentata fit-12 ta’ Novembru 2001 li permezz taghha l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Emanuel Cachia proprio gew ceduti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku fejn l-attur kien qieghed isuq il-karrozza tieghu Ford Sierra numru 0-7412 f’Notabile Road, Imriehel, u skiddja fuq tajn li kien hemm fit-triq u spicca fuq is-*central strip* fejn waqaf wara li dahal fuq tliet sigriet zghar.

Fl-affidavit tieghu l-attur spjega li dakinhar huwa hareg bil-mod minn taht l-arkati u dar fuq in-naha tal-lemin f’Notabile Road ihares lejn H’Attard. Meta dar u gie biex jiddritta l-i*steering*, il-karrozza harbet minn idejh, qisu mar l-i*steering* ghal kollox, u baqa’ tiela’ fuq is-*central strip*. Huwa skiddja fuq it-tajn li kien qieghed jintefa’ f’nofs it-triq minn haddiema tas-socjeta` konvenuta li kienu qeghdin jaghmlu xoghol ta’ skavar fuq il-bankina hdejn l-arkati. Ftit ‘il boghod, hdejn it-Technical fl-istess triq, kien hemm P.C. 1078 Mario Ciantar ghassa mat-traffiku minhabba xoghol iehor li kien qieghed isir hemm hekk. Dan gie jara minn fejn kien gej l-ilma u t-tajn u waqqaf lill-haddiema milli jkomplu jahdmu. Il-karrozza tieghu nqalghet mill-RMF minn fuq is-*central strip* u ttiehdet il-Mellieha ghat-tiswija. L-attur qal li mar l-ghassa ta’ B’Kara jaghmel rapport u hemm sab lil P.S. 586 Joseph Brincat li akkompanjah fuq il-post. Dan awtorizza lill-haddiema jkomplu xogholhom b’dan li zammhom milli jkomplu jitfghu dak it-tajn f’nofs it-triq u geghelhom inaddfu t-triq.

P.C. 1078 Mario Ciantar ikkonferma li dakinhar kien mar fuqu l-attur u qallu li kien skiddja u dahal gos-*central strip*. Huwa mar mieghu fuq il-post u sab parti kbira mit-triq mimlija b’hafna tajn fuq in-naha tax-xellug int u sejjer lejn Fleur de Lys. Huwa waqqaf lill-haddiema tal-konvenut milli jkomplu jahdmu. Qal li dawn kellhom makkinarju kbir biex itellghu t-tajn minn toqba kbira u dan il-makkinarju kien

qieghed jitfa’ t-tajn fit-triq. Huwa waqqafhom ghax irrejalizza li dak li kienu qeghdin jaghmlu kien jikkostitwixxi periklu ghall-vetturi ghaddejjin minn Notabile Road. Huwa rrefera lid-*Duty Sergeant*, P.S. 586 Joseph Brincat.

Il-Qrati taghna rritenew li l-principju regolatur in materja ta’ *skidding* ma jistax ikun hlief dan: *“li skid wahedha ma hijiex la prova ta’ negligenza, u lanqas skriminanti – hemm bzonn li jigi indagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti (p.e. speed zejjed, applikazzjoni bruska tal-brakes, tyres bil-grooves mikulin, fatturi li jghinu l-iskidding, barra ohrajn). Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta` l-istess, nonostanti l-iskid, jekk ma tirrizultax, allura l-iskid hija ‘a good defence’ ghax tkun ‘inevitable accident’”* (**Il-Pulizija vs Carmel Cachia**, Qorti ta’ l-Appell Kriminali,11 ta’ Dicembru 1954, Vol. XXXVIII.iv.920; ara wkoll **Il-Pulizija vs Felice Mangion**, Appell Kriminali, 19 ta’ Settembru 1949, Vol. XXXIII.iv.931); principju dan li baqa’ jigi segwit, per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **ALM Enterprises Limited vs Prof. Roger Ellul Micallef et** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-21 ta’ Jannar 2000.

Difatti skid per se`, izolament, hija cirkostanza newtrali, li la hija difiza u anqas hija evidenza ta’ negligenza. Skid tista’ tigri nonostante li d-driver jiehu prekawzjoni; tista’ tigri minhabba n-negligenza ta’ utent iehor tat-triq, u tista’ tigri minhabba negligenza konsistenti fin-nuqqas ta’ prekawzjoni tad-driver li l-karrozza tieghu skiddjat. Ghalhekk, hemm bzonn li, minbarra l-fatt semplici ta’ l-iskid, ikun hemm prova ta’ negligenza biex ikun hemm responsabbilta`.

P.S. 586 Joseph Brincat xehed li huwa mar fuq il-post ta’ l-incident biex jaghmel il-verifiki mehtiega. Hemm sab kwantita` ta’ tajn hiereg jew li kien diga` hareg minn toqba li kien hemm fit-triq hdejn l-iskola tal-Junior Lyceum ta’ Santa Teresa fl-Imriehel. L-attur kien qallu li kien skiddja minhabba din il-kwantita` ta’ tajn u ilma li kien hemm. Qal li l-attur ma kienx mieghu u lanqas ma ra l-karrozza mahbuta. Mill-investigazzjonijiet li ghamel irizultalu li l-ilma li kien hiereg mit-toqba msemmija kien ir-rizultat ta’ xoghlijiet li kienu qeghdin isiru mill-kumpanija ta’ Emanuel

Cachia, cioe` Rockcut Limited. Meta ra dak it-tajn u ilma ta ordni lill-haddiema li sab fuq il-post biex inehhu dak it-tajn u ilma billi jnaddfu t-triq. L-ghada mar fuq il-post u sab li fil-fatt kienu naddfu t-triq. Huwa kkonferma li l-incident ma garax bil-lejl u li mar xi siegha wara li sar ir-rapport. Inoltre qal li t-tajn u l-ilma tant kien jizloq illi wiehed ma setax jimxi ghax jizloq.

Issa skid per se`, izolament, hija cirkostanza newtrali, li la hija difiza u anqas hija evidenza ta' negligenza. Skid tista' tigri nonostante li d-driver jiehu prekawzjoni; tista' tigri minhabba n-negligenza ta' utent iehor tat-triq, u tista' tigri minhabba negligenza konsistenti fin-nuqqas ta' prekawzjoni tad-driver li l-karrozza tieghu skiddjat. Ghalhekk, hemm bzonn li, minbarra l-fatt semplici ta' l-iskid, ikun hemm prova ta' negligenza biex ikun hemm responsabbilta`. F'dan il-kaz, minn ezami tac-cirkostanzi kollha, ma tirrizulta l-ebda negligenza da parti ta' l-attur. Ma jirrizultax li seta' kellu xi hjiel li l-art kienet tizloq. Ma hemm l-ebda evidenza ta' xi sewqan traskurat jew negligenti da parti tieghu. Ghalhekk ma jistax jitqies huwa stess responsabbli ghall-incident.

Effettivament is-socjeta` konvenuta fin-nota ta' l-eccezzjonijiet u dikjarazzjoi guramentata taghha ma tissuggerixxi l-ebda responsabbilta` da parti ta' l-attur izda tindika li r-responsabbilta` setghet kienet ta' terzi. Difatti fid-dikjarazzjoni guramentata tghid li "milli jidher" l-incident gara bil-lejl meta ma kien hemm ebda xoghol qed isir mill-haddiema taghha u li fil-gurnata li fiha gara l-incident kien hemm nies bil-bowser "milli jidher" tad-Dipartiment tal-Agrikoltura jsaqqu s-sigar fl-inhawi proprju fejn gara l-incident. Mill-uzu ta' l-espressjoni "milli jidher" is-socjeta` konvenuta ma tantx qed turi certezza dwar dawn is-suggerimenti.

Rigward il-hin ta' l-incident ghandna x-xiehda ta' l-attur li jghid li l-incident gara ghall-habta tat-8.30 a.m., kif ukoll ix-xiehda ta' P.C. 1078 Mario Ciantar li kien ftit metri boghod minn fejn gara l-incident u li mhux biss mar fuq il-post meta mitlub mill-attur izda sahansitra ordna lill-haddiema tas-socjeta` konvenuta jieqfu milli jippumpjaw aktar ilma u

tajn fit-triq. Xehed ukoll Raymond Debono, l-impjegat tal-RMF li mar jirmonka l-karrozza ta' l-attur u li kkonferma li baghtuh fuq il-post mill-ufficcju ghal xit-8.30 a.m.

Rigward l-allegazzjoni li kien hemm nies tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jsaqqu, jinghad illi s-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda xhieda biex issostni dan. Apparti dan, jekk l-incident gara kif kienet qed issostni s-socjeta` konvenuta bil-lejl, it-tisqija necessarjament kienet qed issir matul il-gurnata ta' qabel u l-Qorti ma tistax tifhem kif jista' jkun li fit-30 ta' Lulju, zgur gurnata ferm shuna, l-ilma li setghu waqqghu mill-bowser ma lehaqx nixef sakemm dahal il-lejl. L-imsemmi Raymond Debono wkoll kkonferma li meta mar fuq il-post kien hemm il-haddiema qeghdin jippumpjaw ilma mhallat bit-tajn minn go toqba u dan kien qed jimxi matul it-triq.

Dan kollu qieghed jinghad peress li huwa evidenti li s-suggerimenti maghmula mis-socjeta` konvenuta huma ghal kollox infondati jekk mhux ukoll frivoli. Ghaldaqstant ir-responsabbilta` tas-socjeta` konvenuta ghall-incident in kwistjoi hija definittivament assodata.

L-atturi qed jippretendu bhala danni s-somma ta' Lm1,343.95. Dwarhom l-atturi esebew id-dokumentazzjoni relattiva ( a fol. 47 sa 61). Inoltre pproduca bhala xhieda lil Robert Ferrando u lil Jimmy Camilleri biex jixhdu dwar it-tiswijiet u lil Raymond Debono li kkonferma li l-karrozza ta' l-attur kellha daqqa kbira fuq quddiem. Ghalhekk jirrizulta li d-danni pretizi huma gustifikati.
Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-istess socjeta` konvenuta, u ghalhekk:

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni rizultanti,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont mitlub ta' Lm1,343.95, u
(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma hekk mitluba ta' Lm1,343.95 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta salv dawk tal-konvenut Emanuel Cachia proprio (u li miet fil-mori tal-kawza) li jithallsu mill-atturi.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**